

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (Il-Lussemburgu)

Pubblikazzjoni ta' post battal għall-funzjoni ta' Direttur

(Aġent Temporanju — Grad AD 14)

COM/2019/20033

(2019/C 100 A/07)

Aħna

Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea ("iċ-Ċentru") huwa aġenzija tal-Unjoni Ewropea (UE) ibbażata fil-Lussemburgu. Ġie stabbilit fl-1994 bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jstabbilixxi ċentru tat-Traduzzjoni għall-entitajiet tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2610/95 tat-30 ta' Ottubru 1995 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2965/94 li jstabbilixxi Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾ fl-1995 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2965/94 li jisstabilixxi Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾ fl-2003 bil-missjoni li jipprovdi servizzi tat-traduzzjoni lill-aġenziji deċentralizzati l-oħra tal-UE. Iwettaq u jitlob imposti għal dawn is-servizzi abbażi ta' ftehim ta' kooperazzjoni ffirmat ma' kull klijent. Illum il-ġurnata jitraduċi għal aktar minn 60 aġenzija tal-UE, istituzzjonijiet u korpi oħra.

It-tieni missjoni taċ-Ċentru hija li jipparteċipa b'mod attiv fil-kooperazzjoni bejn is-servizzi tat-traduzzjoni tal-UE. Din il-kooperazzjoni interistituzzjonali għandha l-oġettiv li tirrazzjonalizza l-metodi ta' ħidma, tarmonizza l-proċeduri u li b'mod ġenerali twettaq tfaddil fil-qasam tat-traduzzjoni tal-UE. Fis-snin li ġejjin, iċ-Ċentru se jkompli jimplimenta l-istrateġija ta' trasformazzjoni diġitali tiegħu.

Attwalment iċ-Ċentru jimpjega madwar 200 membru tal-persunal u għandu baġit annwali ta' madwar EUR 47 miljun.

Iċ-Ċentru jistinka biex jagħti servizz ta' kwalità għolja u biex iżomm relazzjoni b'saħħitha mal-klijenti biex b'mod effettiv jikkontribwixxi sabiex jissodisfa l-ħtiġijiet tat-traduzzjoni tal-klijenti tiegħu filwaqt li jimplimenta l-qafas strateġiku tal-UE għall-multilingwiżmu. Xogħol maċ-Ċentru jfisser li jkollok sieħeb affidabbli u uniku li joffri ammont kbir ta' servizzi lingwistiċi li jkopru l-kombinazzjonijiet lingwistiċi kollha tal-UE.

Biex tkun taf aktar dwar iċ-Ċentru u dak li nagħmlu, jekk jogħġbok mur fuq: <http://www.cdt.europa.eu>.

Aħna nipproponu

Id-Direttur huwa r-rappreżentant legali taċ-Ċentru u huwa responsabbli quddiem il-Bord tat-Tmexxija.

Ir-rwol u r-responsabbiltajiet tad-Direttur ser jinkludu dan li ġej:

- Il-ġestjoni taċ-Ċentru f'konformità mal-linji gwida u d-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija u l-atti legali applikabbli fis-seħħ;
- It-tfassil tal-Istrateġija u l-Programmi ta' Ħidma taċ-Ċentru, u r-rapportar dwar l-implimentazzjoni tagħhom lill-Bord tat-Tmexxija permezz ta' Rapporti Annwali tal-Attività u strumenti ta' rapportar oħra;
- L-irfiġh tar-responsabbiltà ġenerali għall-prestazzjoni globali tal-kompiti assenjati liċ-Ċentru inkluż is-superviżjoni tal-kwalità tal-kontroll intern u tas-sistemi ta' ġestjoni taċ-Ċentru;
- L-irfiġh tar-responsabbiltà ġenerali għall-ġestjoni tal-persunal taċ-Ċentru u t-trawwim ta' spirtu tajjeb ta' tim u ambjent tajjeb ta' xogħol;

⁽¹⁾ ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 268, 10.11.1995, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 245, 29.9.2003, p. 13.

- It-tnejn u t-twertiq tal-baġit taċ-Ċentru u l-iżgurar li dan ikun ġestit b'mod effiċjenti u f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda;
- It-tehdid tar-responsabbiltà ġenerali għall-kwistjonijiet finanzjarji taċ-Ċentru inkluż, inter alia, il-kontijiet u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament finali;
- L-implimentazzjoni ta' trasformazzjoni xprunata mit-teknoloġija taċ-Ċentru bbażata fuq l-avvanzi teknoloġiċi l-aktar reċenti fil-qasam tat-traduzzjoni;
- Ir-rappreżentazzjoni taċ-Ċentru fil-kuntest ta' kooperazzjoni interistituzzjonali u internazzjonali u l-komunikazzjoni mal-pubbliku ġenerali dwar il-kwistjonijiet kollha fi ħdan il-mandat taċ-Ċentru.

Aħna qegħdin infittxu (kriterji tal-għażla)

Il-kandidat ideali jkun professjonist dinamiku u li jispikka li jenħtieġ li jissodisfa l-kriterji tal-għażla li ġejjin:

(a) Esperjenza maniġerjali, u b'mod partikolari:

- Kapaċità mixhuda bi prova li jiġġestixxi aġenzija kbira, kemm flivell strateġiku kif ukoll flivell maniġerjali operazzjonali;
- Kapaċità eċċellenti li jmxexxi u jimmotiva tim kbir f'ambjent multikulturali u multilingwi;
- Esperjenza Prattika fil-ġestjoni baġitarja, finanzjarja u ta' riżorsi umani f'kuntest nazzjonali, Ewropew u/jew internazzjonali;

(b) Għarfien tekniku u esperjenza teknika, u b'mod partikolari:

- Kapaċità li jinteraġixxi u jinnegozja fl-ogħla livell ta' maniġment mal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE kif ukoll ma' awtoritajiet pubbliċi;
- Fehim sħiħ tal-istituzzjonijiet tal-UE u kif dawn joperaw u jinteraġixxu, u tal-proċeduri amministrattivi u finanzjarji tal-UE kif ukoll tal-politiki tal-UE u attivitajiet internazzjonali ta' relevanza għall-attivitajiet taċ-Ċentru;

(c) Hġiliet ta' komunikazzjoni/ta' negozjar, u b'mod partikolari:

- Kapaċità li jikkomunika b'mod effiċjenti mal-pubbliku u jikkoopera mal-partijiet ikkonċernati (awtoritajiet Ewropej, internazzjonali, nazzjonali u lokali, organizzazzjonijiet internazzjonali, eċċ.);
- Komunikazzjoni eċċellenti bil-miktub u orali u hġiliet ta' negozjar;
- Parti kruċjali tal-kompiti tad-Direttur hija li jirrappreżenta l-aġenzija f'fora internazzjonali u jinteraġixxi mal-partijiet ikkonċernati f'kuntest internazzjonali fejn huwa meħtieġ għarfien tajjeb mitkellem u bil-miktub tal-Ingliż jew tal-Franċiż. Sabiex ikun jista' jibda minnufih bil-kompiti ta' Direttur, il-kandidat li jintgħażel għandu jkollu għarfien tajjeb ta' mill-inqas waħda minn dawn il-lingwi.

(d) Assi:

- Kuntatti professjonali fis-settur lingwistiku.

Il-kandidati għandhom (rekwiżiti ta' eliġibbiltà)

Il-kandidati ser jiġu biss ikkunsidrati għall-fażi tal-għażla abbażi tar-rekwiżiti formali li ġejjin li għandhom jiġu ssodisfati **sal-iskadenza għall-applikazzjonijiet**:

- Ċittadinanza: il-kandidati għandhom ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
- Grad universitarju jew diploma universitarja: il-kandidati għandu jkollhom:
 - jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ċċertifikati b'diploma meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' snin jew aktar;

- jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ċertifikati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun tal-inqas tliet snin (din l-esperjenza professjonali ta' sena ma tistax tiġi inkluża fl-esperjenza professjonali wara l-kisba tal-lawrja meħtieġa hawn taħt).
- Esperjenza professjonali: il-kandidati għandu jkollhom esperjenza professjonali ta' mill-inqas 15-il sena wara l-kisba tal-lawrja fl-livell li għalih il-kwalifikazzjonijiet imsemmijin hawn fuq jagħtu ammissjoni. Mill-inqas ħames snin minn dik l-esperjenza professjonali għandhom ikunu f'qasam relevanti għal din il-pożizzjoni.
- Esperjenza maniġerjali: mill-inqas ħames snin tal-esperjenza professjonali wara l-kisba tal-lawrja għandhom ikunu miksuba ffunzjoni manijerjali ta' livell għoli ⁽⁴⁾.
- Lingwi: il-kandidati għandu jkollhom għarfien sħiħ ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁵⁾ u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra minn dawn il-lingwi uffiċjali; Matul l-intervista/intervisti panels tal-għażla ser jivverifikaw jekk il-kandidati jikkonformawx mar-rekwiżit ta' għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE. Dan jista' jinkludi li l-intervista (jew parti minnha) issir f'din il-lingwa l-oħra.
- Limitu tal-età: fl-iskadenza għall-applikazzjoni, il-kandidati għandhom ikunu jstgħu jikkompletaw il-mandat sħiħ ta' ħames snin qabel ma jilħqu l-età tal-irtirar. Għall-persunal temporanju tal-Unjoni Ewropea, l-età tal-irtirar hija definita bħala l-aħħar tax-xahar li fih il-persuna tilħaq l-età ta' 66 sena (ara l-Artikolu 47 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg tal-Aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea ⁽⁶⁾).

Barra minn hekk, il-kandidati għandhom ikunu ssodisfaw kwalunkwe obbligu impost mil-liġi li jikkonċerna s-servizz militari; jipproduċu referenzi xierqa tal-karattru dwar l-adeqgatezza għat-tweqqif tad-dmirijiet tagħhom u jkun fuq il-fiżikament b'saħħithom sabiex iwettqu d-dmirijiet tagħhom.

Għażla u ħatra

Id-Direttur ser jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru abbażi ta' lista qasira pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea.

Biex tistabbilixxi din il-lista qasira, il-Kummissjoni Ewropea torganizza għażla f'konformità mal-proċeduri tagħha ta' għażla u reklutaġġ (ara d-Dokument rigward il-Politika dwar Uffiċjali Superjuri ⁽⁷⁾).

Bħala parti mill-proċedura tal-għażla, il-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi panel ta' preselezzjoni. Dan il-panel janalizza l-applikazzjonijiet kollha, jipproċedi bl-ewwel verifika tal-eliġibbiltà u jidentifika l-kandidati li jkollhom l-aħjar profil fid-dawl tal-kriterji tal-għażla imsemmijin hawn fuq, u li jstgħu jiġu mistiedna għal intervista mal-panel tal-preselezzjoni.

B'segwitu ta' dawn l-intervisti, il-panel tal-preselezzjoni jfassal il-konklużjonijiet tiegħu u jipproponi lista ta' kandidati għal intervisti ulterjuri mal-Kumitat Konsultattiv dwar Ħatriet (CCA) tal-Kummissjoni Ewropea. Filwaqt li jikkunsidra l-konklużjonijiet tal-panel ta' preselezzjoni, is-CCA ser jiddeċiedi dwar il-kandidati li għandhom jiġu mistiedna għal intervista.

Il-kandidati li jkun msejja għal intervista mas-CCA jipparteċipaw għal ġurnata sħiħa f'ċentru ta' valutazzjoni għal manijment immexxi minn konsulenti esterni tar-reklutaġġ. Filwaqt li jqijs ir-risultati tal-intervista u r-rapport taċ-Ċentru ta' valutazzjoni, is-CCA jstabbilixxi lista qasira ta' kandidati li jikkunsidra adatti biex jeżerċitaw il-funzjoni ta' Direttur taċ-Ċentru.

Il-kandidati fuq il-lista qasira tas-CCA ser jiġu intervistati mill-Membru/Membri tal-Kummissjoni responsabbli mid-Direttorat-Ġenerali inkarigat mir-relazzjonijiet maċ-Ċentru ⁽⁸⁾.

⁽⁴⁾ Fil-curriculum vitae tagħhom, il-kandidati jenħteġ li jindikaw b'mod ċar għas-snin kollha li matulhom inkisbet l-esperjenza manijerjali: (1) it-titolu u r-rwol tal-pożizzjonijiet manijerjali li kellhom; (2) in-numru ta' persunal issorveljat f'dawn il-pożizzjonijiet; (3) id-daqs tal-baġits ġestiti; (4) in-numru ta' livelli ġerarkiċi superjuri u inferjuri; u (5) in-numru ta' pari.

⁽⁵⁾ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:01958R0001-20130701&qid=1408533709461&from=MT>

⁽⁶⁾ <https://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1962R0031:20140101:MT:PDF>

⁽⁷⁾ https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/compilation-of-the-senior-official-policy-at-the-european-commission_en.pdf

⁽⁸⁾ Sakemm il-Membru tal-Kummissjoni kkonċernat, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2007 (PV(2007) 1811), ma jkun iddelega dan il-kompitu lil Membru ieħor tal-Kummissjoni.

B'segwitu ta' dawn l-intervisti, il-Kummissjoni Ewropea tadotta lista qasira tal-kandidati l-aktar adatti, li tiġi kkomunikata lill-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru. Dan tal-aħħar jista' jiddeċiedi li jintervista l-kandidati qabel jaħtar id-Direttur minn fost il-kandidati fuq il-lista qasira tal-Kummissjoni. L-inklużjoni fuq il-lista l-qasira ma tigarantixxix il-ħatra.

Jista' jkun meħtieġ li l-kandidati jkollhom jagħmlu intervisti ulterjuri u/jew testijiet minbarra dawk indikati hawn fuq. Jistgħu jkunu meħtieġa wkoll li jagħmlu dikjarazzjoni quddiem il-kumitat/kumitati rilevanti tal-Parlament Ewropew.

Għal raġunijiet funzjonali u sabiex tkun kompluta l-proċedura tal-għażla malajr kemm jista' jkun fl-interess tal-kandidati kif ukoll tal-aġenzija, il-proċedura tal-għażla ser issir prinċipalment bl-Ingliż u/jew bil-Franċiż ⁽⁹⁾.

Opportunitajiet indaqs

Il-Kummissjoni Ewropea u ċ-Ċentru japplikaw politika ta' opportunitajiet indaqs u ta' nondiskriminazzjoni f'konformità mal-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal ⁽¹⁰⁾.

Kundizzjonijiet ta' impjieg

Is-salarji u l-kundizzjonijiet ta' impjieg huma stipulati fil-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra ⁽¹¹⁾.

Il-kandidat li jintgħażel ser jiġi rekrutat miċ-Ċentru bħala Aġent Temporanju fil-grad AD14. Il-kandidat ser jiġi kklassifikat skont it-tul tal-esperjenza professjonali preċedenti tiegħu fil-pass 1 jew il-pass 2 fi ħdan il-grad.

Il-kandidat ser jiġi maħtur għal mandat inizjali ta' ħames snin, li possibbilment jista' jiġi estiż għal perjodu massimu ta' ħames snin f'konformità mar-Regolament li jistabbilixxi ċ-Ċentru, kif applikabbli fiż-żmien tal-estensjoni.

L-applikanti jenħtieġ li jinnotaw ir-rekwiżit skont il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg tal-Aġenti l-Oħra għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm perjodu ta' prova ta' disa' xhur b'suċċess.

Il-post tal-impjieg huwa l-Lussemburgu, fejn huwa bbażat iċ-Ċentru.

Il-kariga hija disponibbli mill-1 ta' Jannar 2019.

Indipendenza u dikjarazzjoni ta' interessi

Qabel ma jassumi d-doveri tiegħu/tagħha, id-Direttur ser ikun mitlub jagħmel dikjarazzjoni ta' impenn li ser jaġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u dikjarazzjoni dwar kwalunkwe interess li jista' jitqies ta' preġudizzju għall-indipendenza tiegħu/tagħha.

Proċedura tal-applikazzjoni

Qabel tissottometti l-applikazzjoni tiegħek, inti jenħtieġ li tivverifika b'attenzjoni jekk tissodisfax r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà kollha ("Il-kandidati għandhom"), b'mod partikolari fir-rigward tat-tipi ta' diplomi, l-esperjenza professjonali ta' livell għoli kif ukoll il-kapaċità lingwistika meħtieġa. Jekk il-kandidat ma jissodisfax kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà jfisser li dan jiġi eskluż awtomatikament mill-proċedura tal-għażla.

Jekk trid tapplika, għandek tirreġistra permezz tal-Internet fuq is-sit web li ġej u ssegwi l-istruzzjonijiet li jikkonċernaw id-diversi stadji tal-proċedura:

<https://ec.europa.eu/dgs/human-resources/seniormanagementvacancies/>

Għandu jkollok indirizz email validu. Dan ser jintuża biex tiġi konfermata r-reġistrazzjoni tiegħek kif ukoll biex jibqa' l-kuntatt miegħek matul l-istadji differenti tal-proċedura. Għaldaqstant, jekk jogħġbok żomm lill-Kummissjoni Ewropea informata dwar kwalunkwe tibdil fl-indirizz email tiegħek.

Biex timla l-applikazzjoni tiegħek, jeħtieġ li ttejjer CV f'format PDF u timla, online, ittra ta' motivazzjoni (massimu ta' 8 000 karattru).

Ladarba tkun lestajt ir-reġistrazzjoni online tiegħek, ser tirċievi ittra elettronika li tikkonferma li l-applikazzjoni tiegħek ġiet irreġistrata. **Jekk ma tircievix ittra ta' konferma, l-applikazzjoni tiegħek ma tkunx ġiet irreġistrata!**

⁽⁹⁾ Il-panels tal-għażla ser jiżguraw li ma jingħata l-ebda vantaġġ mhux dovut lil kelliema nattiv ta' dawn il-lingwi.

⁽¹⁰⁾ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:01962R0031-20140701&from=MT>

⁽¹¹⁾ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:01962R0031-20140701&from=MT>

Jekk jogħġbok innota li mhuwiex possibbli li timmonitorja l-progress tal-applikazzjoni tiegħek online. Ser tiġi kkuntattjat direttament mill-Kummissjoni Ewropea rigward l-istatus tal-applikazzjoni tiegħek.

Jekk teħtieġ iktar informazzjoni u/jew tiltaqa' ma' problemi tekniċi, jekk jogħġbok ibgħat email lil: HR-MANAGEMENT-ONLINE@ec.europa.eu

Data tal-għeluq

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hi **l-Ġimgħa, it-12 ta' April 2019, 12.00 nofsinhar ħin ta' Brussell**, u wara din id-data u dan il-ħin ma jkunx iktar possibbli li ssir reġistrazzjoni.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li timla r-reġistrazzjoni onlajn tiegħek fil-ħin. Aħna nagħtuk parir biex ma tħallix għall-aħħar jiem biex tapplika, peress li traffiku tal-Internet qawwi jew problema fil-konnessjoni tal-Internet tiegħek jistgħu jwasslu biex ir-reġistrazzjoni online tiegħek tintemm qabel ma tlestiha, b'hekk tobbligak tirrepeti l-proċess kollu. Ladarba tintemm l-iskadenza għas-sottomissjoni tar-reġistrazzjonijiet, inti ma tkunx tista' tintroduċi iktar *data*. Mhux ser jiġu aċċettati reġistrazzjonijiet li jaslu tard.

Informazzjoni importanti għall-kandidati

Il-kandidati huma mfakkra li x-xogħol tal-panels differenti tal-għażla huwa kunfidenzjali. Il-kandidati ma jistgħux jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-membri individwali tagħhom u dan lanqas ma jista' jsir fisimhom minn xi ħaddieħor. Il-mistoqsijiet kollha għandhom jiġu indirizzati lis-segretarjat tal-panel relevanti.

Protezzjoni tad-*data* personali

Il-Kummissjoni ser tiżgura li d-*data* personali tal-kandidati tiġi pproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (KE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE⁽¹²⁾. Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' tali *data*.

(12) ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.